2025/1169

10.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1169

tal-5 ta' Ġunju 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fit-18-il laqgħa tiegħu, b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet indirizzati lil ċerti Partijiet dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 336, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 [1], fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 [2], fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-asil u n-non-refoulement, sa fejn dawn il-materji jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023.

(2) Skont l-Artikolu 66(1) tal-Konvenzjoni, il-Grupp ta' Esperti dwar l-azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("GREVIO") għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-"Partijiet"). Skont l-Artikolu 68(11) tal-Konvenzjoni, GREVIO għandu jadotta r-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu li jikkonċernaw il-miżuri meħuda mill-Parti kkonċernata biex timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

(3) Il-Kumitat tal-Partijiet (il-"Kumitat") jista' jadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Parti kkonċernata, f'konformità mal-Artikolu 68(12) tal-Konvenzjoni, abbażi tar-rapport u l-konklużjonijiet ta' GREVIO. Tali rakkomandazzjonijiet għandhom jagħmlu distinzjoni bejn il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-aktar fis possibbli, b'rekwiżit li tirrapporta lill-Kumitat fi żmien tliet snin, u miżuri li, filwaqt li huwa importanti, ma għandhomx l-istess livell ta' immedjatezza. Fi tmiem dak il-perjodu ta' tliet snin, il-Parti kkonċernata għandha tirrapporta lill-Kumitat dwar il-miżuri meħuda fi ħdan 10 oqsma speċifiċi tal-Konvenzjoni. Abbażi ta' dik l-informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, il-Kumitat għandu jadotta konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet imħejjija mis-segretarjat tal-Kumitat.

(4) Skont l-Artikolu 68(3) tal-Konvenzjoni, il-proċeduri ta' evalwazzjoni wara l-proċedura ta' evalwazzjoni bażi inizjali ta' GREVIO għandhom jinqasmu f'ċikli (iċ-"ċikli ta' evalwazzjoni tematika"). L-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tematika bl-isem "Nibnu l-Fiduċja permezz tal-Appoġġ, il-Protezzjoni u l-Ġustizzja" u jindirizza 20 artikolu tal-Konvenzjoni, jiġifieri l-Artikoli 3, 7, 8, 11, 12, 14, 15, 16, 18, 20, 22, 25, 31, 48, 49, 50, 51, 52, 53 u 56. Fis-17-il-laqgħa tagħha, fis-17 Diċembru 2024, il-Kumitat adotta deċiżjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat fid-dawl tar-rapporti tal-GREVIO adottati bħala parti mill-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tematika li tinsab fid-dokument IC-CP (2024) 10 rev.

(5) Matul it-18-il laqgħa tiegħu tal-5–6 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat huwa mistenni li jadotta t-tmien abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li ġejjin ibbażati fuq l-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tematika u żewġ abbozzi ta' konklużjonijiet, dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni minn 10 mill-Partijiet (rispettivament l- "abbozz ta' rakkomandazzjonijiet" u l-"abbozz ta' konklużjonijiet" u flimkien l-"atti previsti"):

— ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Albanija biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 2-prov;

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-asil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj).

— ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Awstrija biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 3-prov;

— ir-Rakkomandazzjonijiet lid-Danimarka biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 4-prov;

— ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Finlandja biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 5-prov;

— ir-Rakkomandazzjonijiet lil Monaco biex isaħħaħ il-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 6-prov;

— ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Montenegro biex isaħħaħ il-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 7-prov;

— ir-Rakkomandazzjonijiet lil Spanja biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 8-prov;

— ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Iżvezja biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 9-prov;

— il-Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' San Marino adottati mill-Kumitat tal-Partijiet, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)10-prov; kif ukoll

— il-Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tas-Slovenja adottati mill-Kumitat tal-Partijiet, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)11-prov.

(6) L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva li taċċetta l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tagħha stess, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fil-paragrafu 305 tal-Opinjoni 1/19 tagħha tas-6 ta' Ottubru 2021, il-*Konvenzjoni ta' Istanbul* ([3]), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li, essenzjalment, parti sinifikanti mill-obbligi tal-Konvenzjoni dwar l-adozzjoni ta' miżuri preventivi u ta' protezzjoni huma vinkolanti għall-Unjoni fir-rigward tal-persunal tal-amministrazzjoni tagħha u fir-rigward tal-membri tal-pubbliku li jżuru l-bini u l-bini tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tagħha. Barra minn hekk, fil-paragrafu 307 tal-istess Opinjoni, il-Qorti enfasizzat li l-Unjoni jenħtieġ li ma tillimitax ruħha li tistabbilixxi rekwiżiti minimi jew miżuri ta' sostenn, iżda hija stess għandha tiżgura li dawk l-obbligi jiġu ssodisfati b'mod sħiħ. Fl-istess ħin, il-firxa tal-obbligi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi interpretata filwaqt li jitqiesu n-natura u s-setgħat speċifiċi tagħha. B'mod partikolari, peress li l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni mhijiex mogħnija b'setgħat ta' infurzar tal-liġi, ir-rakkomandazzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet ta' infurzar tal-liġi, bħall-kwistjoni ta' ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza, jenħtieġ li jiġu interpretati bħala li jirrikjedu li l-Unjoni tiżgura s-sikurezza tal-vittmi fil-limiti tas-setgħat tagħha, pereżempju billi l-allegati awturi ta' reati jiġu rrifjutati l-aċċess għall-bini tal-istituzzjonijiet.

(7) L-atti previsti jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li japplikaw għall-Unjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tagħha stess. Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-istituzzjoniet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, peress li l-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni billi jistgħu jaffettwaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni fil-futur.

(8) Fir-rigward tal-Albanija, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tiżgura li l-politiki u l-miżuri rilevanti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa jingħataw finanzjament biżżejjed u sostenibbli, inkluż permezz ta' proċeduri trasparenti biex jiġi aċċertat il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tippromwovi kampanji jew programmi ta' sensibilizzazzjoni u tivvaluta l-impatt tagħhom regolarment (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); tieħu miżuri biex issaħħaħ l-effettività tat-taħriġ, inkluż fid-dawl tad-dawran tal-persunal (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tkabbar il-programmi eżistenti ta' awturi ta' reati u tintroduċi programmi mmirati speċifikament lejn l-awturi ta' vjolenza sesswali (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); iżżid il-finanzjament u l-għadd ta' servizzi disponibbli għall-vittmi nisa, speċjalment għan-nisa bi bżonnijiet speċjali (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); taċċerta li l-vittmi jkollhom aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-helplines jingħataw finanzjament (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); taċċerta li l-vittmi kollha ta' vjolenza sesswali jkollhom aċċess għal perizja forsenika mingħajr ħlas (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); tieħu miżuri biex ittejjeb ir-rappurtar mill-vittmi nisa u tiżgura rispons iċċentrat fuq il-vittmi u sensittiv għall-ġeneru f'każijiet bħal dawn (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni tar-riskju jiġu applikati f'każijiet li jikkonċernaw il-forom kollha ta' vjolenza

([3]) Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 1/19 tas-6 ta' Ottubru 2021, *il-Konvenzjoni ta' Istanbul,* ECLI:EU:C:2021:832.

koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); tuża l-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza aħjar (l-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-ordnijiet ta' protezzjoni jkunu disponibbli u aċċessibbli għall-vittmi kollha (l-Artikolu 53 tal-Konvenzjoni); u tevalwa l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni u tiżgura li jkunu konformi mal-Konvenzjoni (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(9) Fir-rigward tal-Awstrija, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tiżviluppa pjan ta' azzjoni komprensiv fit-tul/dokument ta' politika strateġika dwar il-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); tiġbor data diżaggregata dwar l-għadd ta' nisa u bniet li jikkuntattjaw lis-servizzi soċjali għal għajnuna b'rabta mal-esperjenzi tagħhom ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tinforma lill-vittmi dwar id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); timmonitorja kif il-materjali tat-tagħlim jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); tipprovdi taħriġ għall-persunal f'servizzi ta' appoġġ ġenerali (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-vittmi jkollhom aċċess għal għażliet ta' akkomodazzjoni sostenibbli u affordabbli u taċċerta li jinħarġu rapporti forensiċi li jiddokumentaw il-korrimenti (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); tiżgura li jkun hemm postijiet biżżejjed fir-refuġji (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); tistabbilixxi għadd akbar ta' ċentri ta' riferiment għall-vjolenza sesswali madwar il-pajjiż bi professjonisti kwalifikati li jipprovdu appoġġ u riferimenti f'konformità mal-Konvenzjoni u, sadanittant, jiżguraw li s-servizzi mediċi eżistenti joffru appoġġ xieraq lill-vittmi (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); tiżgura li s-sanzjonijiet ikunu proporzjonati mal-gravità tar-reat fil-każijiet kollha li jikkonċernaw forom ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); u tiżgura l-użu ta' ordnijiet ta' protezzjoni u tevita lakuni bejn l-ordnijiet ta' projbizzjoni u l-ordnijiet ta' protezzjoni (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(10) Fir-rigward tad-Danimarka, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tiżgura li kull sura ta' vjolenza dipendenti fuq il-ġeneru kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tingħata l-attenzjoni li ħaqqha fit-tfassil tal-politika (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); taħdem biex jimplimenta bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tiggarantixxi l-kunfidenzjalità fil-ġbir tad-data (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tipprijoritizza approċċ sensittiv għall-ġeneru f'inizjattivi preventivi (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); timmassimizza l-impatt tal-isforzi ta' taħriġ bl-użu tal-għarfien espert tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tistabbilixxi strutturi istituzzjonalizzati għall-kooperazzjoni li jaċċertaw il-kooperazzjoni effettiva bejn diversi aġenziji (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); taċċerta li l-vittmi jkollhom aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi (l-Artikoli 22 u 25 tal-Konvenzjoni); tqajjem kuxjenza fost l-atturi tal-ġustizzja kriminali dwar leġiżlazzjoni kriminali ġdida (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-valutazzjoni tar-riskju ssir f'koordinazzjoni mal-atturi rilevanti (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); iżżid l-użu ta' ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza u ordnijiet ta' protezzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittmi (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni); u tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' protezzjoni tal-vittmi f'investigazzjonijiet u proċedimenti ġudizzjarji (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(11) Fir-rigward tal-Finlandja, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tiżviluppa strateġija nazzjonali fit-tul biex tiżgura approċċ komprensiv u koordinat (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); tiżgura mekkaniżmi ta' finanzjament sostenibbli għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jagħtu appoġġ speċjalizzat lill-vittmi (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); toħloq kategoriji standardizzati tad-data u tarmonizza s-sistemi tal-ġbir tad-data (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tagħmel kampanji ta' sensibilizzazzjoni fuq bażi regolari (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); tevalwa t-taħriġ bl-użu tal-għarfien espert tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tistabbilixxi programmi ta' awturi ta' vjolenza domestika (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); toħloq strutturi ta' koordinazzjoni istituzzjonalizzati bejn diversi aġenziji fost l-atturi rilevanti (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); tistabbilixxi servizzi ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-irkupru u l-indipendenza tal-vittmi (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); tiżgura d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); tiżgura d-distribuzzjoni ġeografika taċ-ċentri ta' kriżi ta' stupru biex jiġi żgurat li l-vittmi ta' vjolenza sesswali jingħataw appoġġ (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); tiżgura investigazzjonijiet f'waqthom u ġbir proattiv ta' evidenza lil hinn mid-dikjarazzjonijiet tal-vittmi biex tkun tista' ssir prosekuzzjoni effettiva ta' każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tieħu miżuri biex tistabbilixxi mekkaniżmu standardizzat ta' valutazzjoni tar-riskju applikat b'mod sistematiku (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); u żżid l-użu ta' ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza u ssaħħaħ l-użu ta' ordnijiet ta' trażżin u ta' protezzjoni (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(12) Fir-rigward ta' Monaco, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni jinkludu l-ħtieġa li: jiżviluppa strateġija nazzjonali fit-tul biex tiżgura approċċ komprensiv u koordinat (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); jissokta jiżviluppa l-ġbir ta' data dwar il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); ikabbar il-miżuri għall-prevenzjoni tal-vjolenza domestika biex jinkludu forom oħra ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); jipproduċu materjal ta' tagħlim dwar il-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); jistabbilixxi programmi għall-awturi ta' vjolenza (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); joħloq helpline għan-nisa vittmi tal-vjolenza (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); jistabbilixxi ċentri ta' riferiment għal kriżi ta' stupru u vjolenza sesswali sabiex il-vittmi jkollhom aċċess għal konsulenza u appoġġ psikoloġiċi (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-professjonisti involuti fi proċedimenti kriminali jkollhom biżżejjed għarfien espert u jirċievu taħriġ li jqis il-ġeneru (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); jistandardizza l-prattika ta' valutazzjoni tar-riskju kkoordinata għas-servizzi rilevanti dwar il-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); u jiżgura li d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi jiġu protetti matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti ġudizzjarji (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(13) Fir-rigward tal-Montenegro, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: jiżgura riżorsi umani u finanzjarji xierqa għall-politiki, il-miżuri u l-leġiżlazzjoni mmirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, u jiġi żgurat finanzjament sostenibbli għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); jiżgura l-ġbir u d-diżaggregazzjoni tad-data mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); iżid l-isforzi għall-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi regolari, jagħmel kampanji ta' sensibilizzazzjoni u jenfasizza r-riskju akbar ta' vjolenza li jiffaċċjaw il-vittmi ta' diskriminazzjoni intersezzjonali (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); iżid l-isforzi biex jindirizza l-isterjotipi rigward, u l-preġudizzji lejn, in-nisa fl-oqsma tal-edukazzjoni formali, il-kultura u l-midja (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); jiżgura taħriġ rigward il-vjolenza kontra n-nisa għall-professjonisti kollha li jiġu f'kuntatt mal-vittmi (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); jistabbilixxi u jespandi programmi għall-awturi tal-vjolenza domestika u l-awturi tal-vjolenza sesswali (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); iżid l-isforzi biex jagħti spinta lill-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-forniturі tal-kura tas-saħħa jagħtu prijorità lin-nisa vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u jirrispettaw il-privatezza tagħhom (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); iżid id-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat u gwida għall-vittmi (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); jistabbilixxi ċentri għall-vittmi ta' stupru u/jew riferiment għall-vjolenza sesswali madwar il-pajjiż kollu biex jipprovdu appoġġ u jirreferu lill-vittmi għal appoġġ psikoloġiku (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); jipprevjeni l-interrogazzjoni ripetuta tal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-valutazzjonijiet tar-riskju jsiru b'mod sistematiku f'każijiet ta' vjolenza domestika (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); jiżgura li l-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza jkunu disponibbli u li l-ordnijiet ta' protezzjoni jiġu mmonitorjati b'mod effettiv (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni); u jiżgura li l-miżuri ta' protezzjoni jintużaw b'mod effettiv u jdaħħal miżuri ta' protezzjoni individwali jkunu konformi mal-Konvenzjoni (l-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(14) Fir-rigward ta' Spanja, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tinvolvi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fit-tfassil tal-politika u fl-evalwazzjoni tal-politiki u l-miżuri (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); tiżgura li d-data miġbura tiġi diżaggregata (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); tgħallem lit-tfal dwar ir-rwol ċentrali tal-kunsens fir-relazzjonijiet sesswali (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); iżżid it-taħriġ tal-professjonisti rilevanti kollha li jittrattaw il-vittmi u l-awturi tal-vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); ittejjeb il-konformità tal-programmi tat-trasgressuri mal-Konvenzjoni (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); tistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn diversi aġenziji (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); taċċerta li l-vittmi ta' vjolenza sesswali jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); tindirizza fatturi li jipprevjenu lill-vittmi milli jirrapportaw u li jwasslu għal vittimizzazzjoni sekondarja (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); u tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għal ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza f'konformità mal-Konvenzjoni u jieħdu miżuri biex jindirizzaw kif xieraq il-ksur tal-ordnijiet ta' protezzjoni (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(15) Fir-rigward tal-Iżvezja, l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tiżgura li l-politiki dwar il-vjolenza kontra n-nisa jqisu l-ħtiġijiet tal-vittmi esposti għal diskriminazzjoni intersezzjonali u tevalwa l-istrateġiji biex jaċċessaw l-impatt tagħhom (l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni); tiżgura livelli ta' finanzjament sostenibbli tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa li jmexxu servizzi ta' appoġġ speċjalizzat (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni); tiżgura miżuri ta' prevenzjoni usa' għall-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni); tiżgura li s-suġġetti u l-prinċipji elenkati fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jiġu mgħallma fil-prattika (l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni); tintroduċi taħriġ sistematiku dwar il-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-Konvenzjoni għall-professjonisti rilevanti

(l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni); tiżviluppa standards minimi għal programmi ta' awturi ta' reat f'konformità mal-Konvenzjoni u jiżguraw evalwazzjoni (l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni); tadotta mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni fost l-aġenziji rilevanti (l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni); tiżgura li l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-vittmi jingħata mingħajr diskriminazzjoni (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni); tiżgura aċċess għal postijiet ta' refuġju għall-vittmi kollha (l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni); tiżgura għadd suffiċjenti ta' ċentri ta' kriżi ta' stupru u/jew ta' vjolenza sesswali fil-pajjiż kollu (l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni); tieħdu miżuri biex tinkoraġġixxi r-rapportar min-nisa f'riskju ta' diskriminazzjoni intersezzjonali (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni); tiżgura li jsiru valutazzjonijiet tar-riskju sistematiċi sistematiku għall-vittmi u għat-tfal tagħhom, b'mod ikkoordinat (l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni); u tieħu miżuri biex tiżgura li l-ordnijiet ta' inibizzjoni ta' emerġenza, l-ordnijiet ta' trażżin u ta' protezzjoni ("ordnijiet ta' nuqqas ta' kuntatt għad-dar konġunta") jinħarġu malajr b'effett immedjat u jiġu mmonitorjati b'mod effettiv (l-Artikoli 52 u 53 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(16) Fir-rigward ta' San Marino, l-abbozzi ta' konklużjonijiet jinkludu l-ħtieġa li jiżgura li l-korp nazzjonali ta' koordinazzjoni jikkoordina mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni); jagħmel stħarriġ regolari dwar il-vittimizzazzjoni u jippromwovi attivitajiet ta' riċerka (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi ta' konklużjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom.

(17) Fir-rigward tas-Slovenja, l-abbozz ta' konklużjonijiet jinkludu l-ħtieġa li: tassenja r-rwol tal-korp ta' koordinazzjoni lil entitajiet istituzzjonalizzati bis-sħiħ u tiżgura r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa (l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni); tiżgura l-ġbir komprensiv ta' data dwar il-forom kollha ta' vjolenza skont il-Konvenzjoni (l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni); u tieħu miżuri biex tinkoraġġixxi r-rapportar tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa (l-Artikoli 49 u 50 tal-Konvenzjoni). Peress li dawk l-abbozzi tal-konklużjonijiet huma konformi mal-politiki u l-objettivi tal-Unjoni u ma jqajmu l-ebda tħassib fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fit-18-il laqgħa tiegħu, għandha tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-atti li ġejjin:

(1) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Albanija biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 2-prov;

(2) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Awstrija biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 3-prov;

(3) ir-Rakkomandazzjonijiet lid-Danimarka biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 4-prov;

(4) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Finlandja biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 5-prov;

(5) ir-Rakkomandazzjonijiet lil Monaco biex isaħħaħ il-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 6-prov;

(6) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Montenegro biex isaħħaħ il-fiduċja billi jagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 7-prov;

(7) ir-Rakkomandazzjonijiet lil Spanja biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 8-prov;

(8) ir-Rakkomandazzjonijiet lill-Iżvezja biex issaħħaħ il-fiduċja billi tagħti appoġġ, protezzjoni u ġustizzja abbażi tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jinsabu fid-dokument IC-CP (2025) 9-prov;

(9) il-Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' San Marino adottati mill-Kumitat tal-Partijiet, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)10-prov; kif ukoll

(10) il-Konklużjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tas-Slovenja adottati mill-Kumitat tal-Partijiet, li jinsabu fid-dokument IC-CP(2025)11-prov.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

D. KLIMCZAK